MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta ta' l-14 ta' Lulju, 2006

Talba Numru. 569/2005

**Jason Seguna (ID 233172M)**

**Vs**

**Where's Everybody?**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-25 ta Frar 2005 fejn l-attur qed jitlob li s-socjeta konvenuta tigi kkundannata thallsu s-somma ta elf u hames mitt lira (LM1500) rapprezentanti prezz ta rigal li s-socjeta konvenuta kienet ippromettiet li taghti lir-rebbiegh tal-kompetizzjoni televiziva.
Bl-ispejjes kontra s-socjeta konvenuta minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tas-socjeta konvenuta prezentata fil-15 ta Lulju 2005 fein ikkontestaw it-talba tal-attur ghal diversi ragunijiet u cioe:

a) L-inkomptenza ta dan it-Tribunal ratione materiae stante li l-premju mwieghed kien vjagg u mhux flus;
b) L-intempestivita tal-azzjoni peress illi l-kompetizzjoni ghadha ma spiccatx u kwindi wisq anqas jezisti rebbiegh ghaliha;
c) In sustanza it-talba tal-attur hija ngustifikata peress huwa qatt ma gie dikjarat rebbiegh tal-kompetizzjoni.
Bl-ispejjes kontra l-attur ngunt ghas-subizzjoni.

Ra l-provi prodotti nkluz id-dokumenti esbiti.
Sema t-trattazzjoni verbali tal-abbli difensuri tal-partijiet.

Ikkunsidra.

Illi ghalkemm fis-smiegh tal-provi l-intesa kienet li dawn jitrattaw biss l-ewwel eccezjoni tal-inkompetenza ratione materiae u tinghata decizjoni fuq hekk pero l-process zvolga fis-sens illi z-zewg nahat tramite x-xhud Peppi Azzopardi ghas-socjeta konvenuta u l-istess attur xehdu t-tnejn fuq l-ewwel zewg eccezzjonijiet u ma llimitawx ruhhom biss fuq l-ewwel wahda.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta nkontestat anke ex admissis da parti tal-attur illi l-premju in kwistjoni kien jitratta vjagg ossia “cruise” u mhux flus tant li fix-xhieda tieghu l-attur ighid li qatt ma sema li gie reklamat il-valur ta dan il-premju “in kind”. Illi di piu jirrizulta wkoll li ghalkemm ghadda hafna zmien minn mindu nbdiet dina l-kompetizzjoni ma jirrizultax li kien hemm xi rebbiegh dikjarat mill-organizzaturi. Difatti jidher li din il-kompetizzjoni ghadha ghaddejja u huwa mahsub li tigi fi tmiem taghha bi programm partikolari mhejji appositament ghal kompetituri finalisti biex jigi maghzul rebbiegh. It-Tribunal huwa tal-fehma pero li parti mir-raguni li tat bidu ghal dina l-kawza kien il-fatt li l-organizzaturi ta din il-kompetizzjoni jista jkun li ma zammewx lill-kompetituri nformati bizzejjed bl-andament ta din ‘l hekk imsejha kompetizzjoni liema nuqqas ser jigi rifless aktar il-quddiem fl-ispartizzjoni tal-ispejjes tal-kawza.

Ghal dawn ir-ragunijiet it-Tribunal qieghed jaqta u jiddeciedi dan il-kaz billi jilqa l-ewwel zewg eccezzjonijiet sollevati mis-socjeta konvenuta u kwindi jichad it-talba tal-attur bl-ispejjes ta din l-istanza ghandhom pero jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------